MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 3/2007/1

**Mary Grace Vassallo**

**vs**

**John Axiaq**

**Il-Qorti,**

Fit-22 ta’ Ottubru, 2008, il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**Il-Bord,
>
> Ra r-rikors ta’ John Axiaq li tghid hekk:
>
> “Illi b’rikors prezentat quddiem dan l-Onotrabbli Bord (rikors numru 38/06JC) l-intimata Mary Grace Vassallo ppremettiet illi hija tikri l-fond ufficjalment immarkat bin-numru 160 (mija u sittin) Main Street, Zabbar lir-rikorrenti odjern bil-kera ta’

Lm33 (tlieta u tletin Lira Maltija) pagabbli kull sena bil-quddiem, u l-ahhar skadenza fit-30 ta' Settembru. Illi ghalkemm ir-rikorrenti odjern gie interpellat f'zewg okkazzjonijiet sabiex ihallas il-kera dovut ghall-perjodu 30 ta' Settembru 2003 sad-29 ta' Settembru 2004 u 30 ta' Settembru 2004 sad-29 ta' Settembru 2005 huwa baqa' inadempjenti. Illi dan in-nuqqas da parti tar-rikorrenti odjern jissottitwixxi raguni valida skond il-ligi sabiex hija tirriprendi l-pussess tal-fond mghoddi lill-esponenti b'kera kif aktar 'il fuq indikat, talbet ghalhekk lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu li ghar-ragunijiet premessi jawtorizzaha tirriprendi l-fond u dan f'perjodu qasir u perentorju li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi.

Illi b'sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera tal-5 t'Ottubru 2006 fl-ismijiet premessi l-Bord iddecieda billi jilqa t-talba tal-intimata Mary Grace Vassallo u jawtorizzaha terga tiehu f'idejha l-fond numru 160, Main Street, Zabbar, u ghal ghan ta' tkeccija jaghti tlett (3) xhur zmien mil-lum, l-ispejjes jithallsu mir-rikorrenti odjern.

Illi l-esponent sar jaf bis-sentenza meta gie biex jigi esegwit il-mandat ta' zgumbrament numru 92/07CX fl-ismijiet premessi u wara li l-avukat sottoskritt ghaddielu kopja tal-proces nhar id-9 t'April 2007 huwa li s-sentenza ittiehdet b'qerq peress illi r-rikorrenti interpellat lilu darba wahda u mhux darbtejn kif titlob il-ligi.

Illi b'hekk il-kawza ghandha tigi ritrattata peress illi ttiehdet b'qerq  ta' wahda mill-partijiet bi hsara ta' l-ohra, u dan a tenur tal-artikolu 811(a) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Tghid illi l-intimata ghar-ragunijiet premess ghaliex dan l-Onorabbli Bord ma ghandux:

1. Jiddikjara li s-sentenza moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet Mary Grace Vassallo vs John Axiaq (rikors numru 38/2006JC) tal-5 t'Ottubru 2006 ittiehdet b'qerq tal-intimata Mary Grace Vassallo bi hsara tar-rikorrenti John Axiaq a tenur tal-artikolu 811(a) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta).
2. Jirrexxindi s-sentenza tal-Bord li Juirregola l-Kera fl-ismijiet Mary Grace Vassallo vs John Axiaq tal-5 t'Ottubru 2006 (rikors numru 38/2006JC).
3. Konsegwentement jordna r-ritrattazzjoni tal-imsemmija kawza.

Bl-ispejjes kontra l-intimata ingunta ghas-subizzjoni."

Ra r-risposta ta' Mary Grace Vassallo li tghid hekk:

"Illi preliminarjament l-esponenti tissottometti illi ghandha ssir l-amalgamazzjoni tal-process numru 38/06 sabiex jifforma parti integrali minn dawn il-proceduri.

Illi t-talbiet tal-attur rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante illi fl-ebda hin l-esponenti, tul il-proceduri fl-atti tar-rikors 38/06 deciz nhar il-5 t'Ottubru 2006, m'agixxiet bi ksur tad-disposizzjoni tal-artikolu 811 (a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi minghajr pregudizzju tas-suespost, mhuwiex il-kaz illi l-attur rikorrent imur ghar-rimedju tar-ritrattazzjoni u da stante illi l-esponenti fl-ebda hin ma rrikorriet ghal xi raggiri jew attijiet fawdolenti b'mod illi poggiet lill-attur rikorrent fl-impossibilita' ta' difiza gusta u tajba izda jekk kien hemm xi nuqqas jahti ghalih biss l-attur rikorrent u dan minhabba negligenza tieghu u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi l-intimat adixxa lil dan il-Bord taht id-dispost tal-artikolu 811(a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Minkejja li r-rikorrenti ma ssolevat ebda eccezzjoni dwar dan, il-Bord qieghed *ex officio* jiddikjara in-nullita tar-rikors u dan il-materja ma tistax tkun vantata quddiem dan il-Bord.
L-artikolu 42 tal-Kap 69 jippreskrivi id-dritt lil kull minn jadixxi lill- Bord li jirregola l-Kera, jerga' jisma mil-gdid rikors minnu deciz fil-kaz **unikament** fejn il-parti l-ohra tkun ottjeniet sentenza fuq dikjarazzjoni falza. Fil-kaz in dizamina, John Axiaq talab lil dan il-Bord jiddikjara illi s-sentenza moghtija mill-Bord li Jirrgola l-Kera fl-ismjeit Mary Grace Vassallo vs John Axiaq, (Rik Nru 38/2006JC) fil-5 t'Ottubru 2006 ittiehdet b'qerq tal-intimata Mary Grace Vassallo bi hsara ta-rikorrenti John Axiaq a tenur tal-Artikolu 811(a) tal-Kap 12;

Illi skond l-insenjament tal-Qrati taghna, ara **Peter Borg vs Emanuel Busuttil (App 12/01/05)**, **Commonwealth Educational Society Limited vs Adriana Camilleri (App 10/01/2003) u Mildred Ferando vs Loris Bianchi pro et noe (App 12/05/2003)** hemm ravvizat b'carezza u logika li talba ghal-ritrattazzjoni quddiem il-Bord li Jirregola il-Kera tista' ssir **biss** ghar-raguni unika kif provdut fl-artikolu 42 tal-Kap 9 u bil-procedura hemm indikata, altimenti, kull talba ghal-ritrattazjoni li taqa' 'l hinn minn dak il-paramentru tista' ssir biss b'citazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

Il-Bord mhux kompetenti jisma u jiggudika dwar talbiet ghar-ritrattazzjoni meta dawn isiru ghar-ragunijiet msemmija fl-artikolu 811 tal-Kap 12 u dan qed ikun solllevat ghaliex li kieku l-Bord kellu

> jitratta r-rikors meta adit taht dak il-provediment, ikun qed jassumi poteri li mhumiex kompetenti lilu. Il-procedura skond l-artikolu 42 tal-Kap 69 hija wahda specjali u l-partijiet jistghu jirrikorru ghaliha meta jallegaw otteniment ta' sentenza b'rizultat ta' dikjarazzjoni falza.
>
> Ghal dawn il-mottivi ir-rikors qed ikun dikjarat null u bla effett;
>
> Bl-ispejjez kontra John Axiaq."

L-appell ta' l-intimat kontra din is-sentenza hu fis-sens illi l-Bord adit ghamel interpretazzjoni zbaljata tal-ligi ghal dik li hi l-kompetenza tal-Bord f'materja ta' ritrattazzjoni;

Dan l-aggravju huwa konsimili ghal dak sottomess bl-appell fil-kawza "**Angela Mangion -vs- Gustavo Sciortino**" (Rikors Numru 1/2001) deciz minn din il-Qorti fit-13 ta' Frar, 2009. Telegrafikament, f'din id-decizjoni ntqal dan li gej:-

(1) Fis-sistema tal-ligi taghna fuq l-interpretazzjoni akkordata mill-gurisprudenza l-Bord li Jirregola l-Kera mhux prekluz milli jitratta u jiddeciedi ritrattazzjoni ta' kawza artikolata fuq xi wahda mir-ragunijiet kalendati fl-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12. Dan hu bazat fuq ir-raguni logika-guridika illi l-Artikolu 20 tal-Kapitolu 69, bir-referenza generali li jaghmel ghall-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili in referenza ghall-attribuzzjonijiet u s-setghat tieghu, kien jippermetti li dan hekk isir. Ara "**Anthony Cassar -vs- Flora Mifsud**", Appell Civili, 5 ta' Frar, 1945;

(2) Hu biss fejn it-talba ghar-ritrattazzjoni tkun arginata fuq id-dispost ta' l-Artikolu 42 tal-Kapitolu 69 illi l-Bord ghandu gurisdizzjoni esklussiva. Dan avolja d-decizjoni fuq il-mertu li jkun qed jigi ritrattat tkun giet l-ahhar pronunzjata minn Qorti ta' l-Appell;

(3) Xejn kuntrarju ghal dak li qed jinghad ma jista' jingibed mis-sentenzi citati mill-Bord fid-decizjoni appellata, anke ghaliex ic-cirkustanzi ta' dawk il-kawzi ma kellhom assolutament x'jaqsmu xejn ma' dak prezenti;

(4) Jikkonsegwi illi l-Bord kien fid-dmir li jinvesti u jiddeciedi jekk il-motiv li fuqu giet bazata t-talba ghar-ritrattazzjoni jinsabx, jew le, sew ippuntellat;

Forsi b'aggunta ma' l-aspetti tratti u definiti bid-decizjoni recensjuri l-Qorti tista' zzid dan. Ir-ritrattand f'kawza quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera jista' kumulativament jitlob ir-ritrattazzjoni sew taht l-Artikolu 42 tal-Kapitolu 69 kif ukoll ghal xi wiehed mill-motivi taht l-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12. Dan hu hekk illum permissibbli bil-procedura idoneja tar-rikors billi a differenza ta' dik li kienet il-qaghda procedurali qabel l-emendi apportati ghal Kodici ritwali mentri fil-kaz prospettat taht l-Artikolu 811 il-procedura kontemplata kienet dik tac-citazzjoni, u b'rikors fil-kaz taht l-Artikolu 42 illum ir-rit hu dak wiehed bir-rikors fiz-zewg ipotesijiet, ankorke fil-kaz taht l-Artikolu 811 dak ir-rikors irid ikun ukoll wiehed guramentat (Artikolu 815, Kapitolu 12). Konsegwentement, dan igib li l-problematika insorta fid-decizjoni "**Benny Schembri -vs- Charles Farrugia *et***", Appell, 7 ta' Ottubru, 1996, dwar id-divergenza ta' l-att ritwali li messu gie adoperat ma tistax tqum. Mill-kumplament, jghoddu r-riflessjonijiet esposti minn din il-Qorti fid-decizjoni recenti taghha ghal liema saret referenza;

Il-konkluzjoni ta' dawn il-konsiderazzjonijiet hu li l-appell hu fondat u s-sentenza denuncjata guridikament difettuza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tghaddi biex tibghat lura l-atti tal-kawza lill-Bord biex dan jiddeciedi l-mertu tat-talba tar-ritrattazzjoni skond il-ligi. L-ispejjez jibqghu fic-cirkustanzi bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------